

Brussell, 17 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14171/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0036(COD)

ENV 823
CLIMA 359
TELECOM 272
DIGIT 155
ENER 505
COMPET 646
RECH 534
MI 584

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14004/20
Nru dok. Cion:	6547/20; 10868/20
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima) - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness, għall-informazzjoni, it-test li fuqu l-Kunsill (Ambjent) laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar il-proposta ta' hawn fuq fil-laqgħa tiegħu tad-17 ta' Diċembru 2020.

Il-bidliet meta mqabbla mal-verżjoni preċedenti tat-test tal-Presidenza (li jinsab fid-dokument 14004/20), kif jirriżultaw mid-diskussjoni fil-Kunsill, huma mmarkati b'**tipa grassa u sottolinjata** (p. 10). Emendi preċedenti għall-proposta tal-Kummissjoni huma sottolinjati u t-test imħassar huwa mmarkat bħala [...].

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jstabilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE)
2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C 324, 1.10.2020, p. 58.

Billi:

- (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"³, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li tipproteġi, tippreserva u ssaħħa il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva li ma tħalli 'l ħadd lura.
- (2) Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra⁴ jipprovdi bażi xjentifika soda biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u juri l-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni klimatika. Huwa jikkonferma li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jridu jitnaqqsu b'mod urġenti u li t-tibdil fil-klima jrid ikun limitat għal tisħin ta' 1,5 °C, b'mod partikulari biex titnaqqas il-probabbiltà li jkun hemm avvenimenti estremi tat-temp. Ir-Rapport ta' valutazzjoni globali tal-2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (l-IPBES)⁵ wera li l-bijodiversità qed titnaqqar mad-dinja kollha, u li t-tibdil fil-klima huwa t-tielet fattur l-iktar importanti li qed iwassal biex tintlefi l-bijodiversità⁶.

³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Il-Patt Ekoloġiku Ewropew COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019.

⁴ IPCC, 2018: Ir-Rapport Speċjali tal-2018 tal-IPCC intitolat "Global Warming of 1.5°C. An IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1.5°C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty" [Masson-Delmotte, V., P. Zhai, H.-O. Pörtner, D. Roberts, J. Skea, P.R. Shukla, A. Pirani, W. Moufouma-Okia, C. Péan, R. Pidcock, S. Connors, J.B.R. Matthews, Y. Chen, X. Zhou, M.I. Gomis, E. Lonnoy, T. Maycock, M. Tignor, u T. Waterfield (eds.)].

⁵ IPBES 2019: Il-valutazzjoni globali tal-2019 tal-IPBES intitolata "Global Assessment on Biodiversity and Ecosystem Services".

⁶ Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intitolat "L-ambjent Ewropew – L-istat u l-prospetti 2020" (Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, 2019).

- (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjegi, għat-*tkabbir* u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex nimxu b'mod ġust u kosteffettiv lejn il-mira b'rabta mat-temperatura stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi").
- (4) Il-Ftehim ta' Pariġi jstabbilixxi l-għan fit-tul li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi biex din tinżamm taħt il-1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali⁷, u jenfasizza l-importanza li nadattaw ruġna għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima⁸ u li nagħmlu l-flussi finanzjarji konsistenti mat-triq lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra u ma' żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima⁹.
- (5) L-għan tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni u tal-Istati Membri huwa li tiproteġi lin-nies u lill-pjaneta kif ukoll il-benesseri, il-prosperità, is-saħħa, is-sistemi tal-ikel, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżdied kemm jista' jkun il-prosperità fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà b'rabta mat-tibdil fil-klima u titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha għal dan it-tibdil.
- (6) Jenħtieġ li l-kisba tan-newtralità klimatika titlob kontribut mis-setturi ekonomiċi kollha [...] li għalihom l-emissjonijiet jew l-assorbimenti ta' gassijiet serra huma regolati fid-dritt tal-Unjoni. [...]
- (6a) Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija li tkun sikura, sostenibbli, għall-but ta' kulħadd, u sigura, li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. It-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp ukoll huma fatturi importanti biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika.

⁷ L-Artikolu 2(1)(a) tal-Ftehim ta' Pariġi.

⁸ L-Artikolu 2(1)(b) tal-Ftehim ta' Pariġi.

⁹ L-Artikolu 2(1)(c) tal-Ftehim ta' Pariġi.

- (7) L-Unjoni ilha żmien issegwi politika ambizzjuża b'rabta mal-azzjoni klimatika, u implimentat qafas regolatorju biex tikseb il-mira tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2030. Fost il-leġiżlazzjoni li timplimenta din il-mira nsibu d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, li tistabbilixxi sistema għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Unjoni, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, li daħħal miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², li jitlob lill-Istati Membri jibbilanċjaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija.
- (8) Barra minn hekk, fil-Komunikazzjoni tagħha tat-28 ta' Novembru 2018 intitolata "Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima", il-Kummissjoni ppreżentat viżjoni biex sal-2050 tinkiseb il-mira ta' emissjonijiet żero netti tal-gassijiet serra fl-Unjoni permezz ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta li tkun kosteffiċjenti.

¹⁰ Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275 tal-25 ta' Ottubru 2003, p. 32).

¹¹ Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

¹² Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

- (9) Permezz tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha¹³, l-Unjoni ilha żmien issegwi programm ambizzjuż ta' dekarbonizzazzjoni, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' Unjoni b'saħħitha tal-Enerġija li tinkludi miri għall-effiċjenza fl-enerġija u għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-2030 fid-Direttivi 2012/27/UE¹⁴ u (UE) 2018/2001¹⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u bit-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti, fosthom tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶.
- (10) L-Unjoni hija mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u hija deċiża li tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ it-tweġiba globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima.
- (10a) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli għaddejja bl-azzjoni klimatika tagħha u tkompli tkun mexxejja internazzjonali fil-qasam tal-klima wara l-2050, sabiex tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta mit-theddida ta' tibdil perikoluż fil-klima, hija u tfittex li tilħaq il-miri tal-Ftehim ta' Pariġi b'rabta mat-temperatura u filwaqt li ssegwi l-valutazzjonijiet xjentifiċi tal-IPCC.

¹³ COM(2016) 860 final tat-30 ta' Novembru 2016.

¹⁴ Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1)

¹⁵ Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

¹⁶ Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

- (11) Il-Parlament Ewropew appella għat-tranżizzjoni meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess¹⁷ u ddikjara emerġenza klimatika u ambjentali¹⁸. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019¹⁹, il-Kunsill Ewropew qabel dwar l-oġġettiv li tinkiseb Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li rrikonoxxa wkoll li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni li minnu jibbenefikaw l-Istati Membri kollha u li jinkludi strumenti, inċentivi, appoġġ u investimenti adegwati biex tiġi żgurata tranżizzjoni kosteffettiva, ġusta, kif ukoll soċjalment ibbilanċjata u ekwa, filwaqt li jittieħed kont taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti f'termini ta' punti tat-tluq. Huwa nnota wkoll li t-tranżizzjoni ser teħtieġ investiment pubbliku u privat sinifikanti. [...] Fis-6 ta' Marzu 2020, l-UE ppreżentat l-istrateġija fit-tul tagħha għal żvilupp fit-tul b'emissjonijiet baxxi tal-gassijiet serra [...] għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima wara l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill.
- (12) Jenħtieġ li l-Unjoni timmira li tilħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi fl-ekonomija kollha minn fonti u l-assorbimenti minn bjar tal-gassijiet serra fuq livell domestiku fi ħdan l-Unjoni sal-2050. Il-bjar jinkludu soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi kif irrapportat lill-UNFCCC fl-inventarji tagħha ta' gassijiet serra. [...] Soluzzjonijiet li huma bbażati fuq it-teknoloġiji ta' ġbir u ħżin tal-karbonju (CCS) u ta' ġbir u użu tal-karbonju (CCU) jistgħu jaqdu rwol fid-dekarbonizzazzjoni, speċjalment għall-mitigazzjoni ta' emissjonijiet ta' proċessi fl-industrija, għall-Istati Membri li jagħżlu din it-teknoloġija. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jaħdmu flimkien biex jiksibu l-oġġettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni ser ikunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex jinkiseb dan l-oġġettiv.

¹⁷ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)).

¹⁸ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)).

¹⁹ Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9.

- (12a) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 u tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew approva l-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2020 u l-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, rispettivament. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar id-determinazzjoni tal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040 [...] huma mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kunsill Ewropew, kif stabbilit fit-Trattati, fid-definizzjoni tad-direzzjoni politika ġenerali tal-Unjoni u l-prijoritajiet għall-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima.
- (13) [...] *(tmexxiet għall-premessa 10a ġdida)*
- (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki [...] oħrajn u ma' leġiżlazzjoni oħra f'dan il-qasam. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet komprensivi nazzjonali ta' adattament. L-UE għandha tfittex li toħloq ambjent regolatorju favorevoli għall-politiki u l-miżuri nazzjonali implimentati mill-Istati Membri biex jadattaw għat-tibdil fil-klima. It-titjib tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-kapaċitajiet adattivi għat-tibdil fil-klima jeħtieġu sforzi kondiviżi mis-setturi kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà, kif ukoll il-koerenza u l-konsistenza tal-politika fil-leġiżlazzjonijiet u l-politiki Ewropej rilevanti kollha.
- (14a) L-ekosistemi, in-nies u l-ekonomiji fir-reġjuni kollha tal-UE ser jiffaċċjaw impatti kbar mit-tibdil fil-klima, bħal sħana estrema, għargħar, nixfiet, skarsezza tal-ilma, żieda fil-livell tal-baħar, tidwib tal-glaċieri, nirien tal-foresti, riħ u telf agrikolu. L-avvenimenti estremi reċenti diġà kellhom impatti sostanzjali fuq l-ekosistemi, peress li affettwaw is-sekwestru tal-karbonju u l-kapaċitajiet ta' ħżin tal-foresti u tal-art agrikola. It-titjib tal-kapaċitajiet adattivi u r-reżiljenza jgħinu biex jiġu minimizzati l-impatti tat-tibdil fil-klima u biex jiġu indirizzati l-impatti inevitabbli b'mod soċjalment ibbilanċjat. It-tħejjija bikrija għal tali impatti hija kosteffikaċi u tista' wkoll iġġib benefiċċji kollaterali konsiderevoli għall-ekosistemi, is-saħħa u l-ekonomija. [...] B'mod partikolari, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament u l-protezzjoni tal-bijodiversità.

- (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika għall-benesseri taċ-ċittadini, għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività tal-ekonomija; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel; il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u ġo fihom filwaqt li jqisu l-kapaçità ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom, bħal pereżempju l-ispeçifiçitajiet tal-gżejjer, u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soçjalment ġusta; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jiġu integrati fid-deçizjonijiet dwar l-investment u dwar l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni.
- (16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ bidliet fl-ispettru kollu tal-politika u sforz kollettiv min-naħa tas-setturi ekonomiçi kollha u tas-setturi kollha tas-soçjetà, kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diçembru 2019, il-Kunsill Ewropew qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-tweqqiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti.

(17) Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni vvalutat il-mira tal-Unjoni għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Komunikazzjoni tagħha "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 - Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna"²⁰, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-impatt komprensiva u filwaqt li qieset l-analiżi tagħha tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima ppreżentati lill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹. Fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, sal-2030 l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jenħtieġ li jitnaqqsu u l-assorbimenti jizjeddu, sabiex l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra, jiġifieri l-emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, jitnaqqsu fl-ekonomija kollha u fuq livell domestiku b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Il-Kunsill Ewropew approva din il-mira fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10/11 ta' Diċembru 2020. **Huwa pprovda wkoll gwida inizjali dwar l-implimentazzjoni tagħha.** Din il-mira klimatika l-għdida tal-Unjoni għall-2030 hija mira sussegwenti għall-finijiet tal-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u għaldaqstant tissostitwixxi l-mira klimatika għall-Unjoni kollha għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbilita f'dak il-punt. Barra minn hekk jenħtieġ li, sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif ikun meħtieġ li tiġi emendata l-leġislazzjoni tal-Unjoni li timplimenta dik il-mira klimatika għall-2030 sabiex jinkiseb dan it-tnaqqis fl-emissjonijiet netti.

²⁰ COM (2020) 562.

²¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

- (18) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri jibqgħu fit-triq it-tajba biex jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika u l-progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni regolarment tivvaluta l-progress, filwaqt li tibni fuq l-informazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 7, inkluż l-informazzjoni ppreżentata u rrapportata skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. Sabiex tkun tista' ssir thejjiġa fil-ħin għar-rendikont globali kif imsemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni jenħtieġ li jiġu ppubblikati sat-30 ta' Settembru kull ħames snin, mill-2023 'il quddiem. Dan jimplika li r-rapporti skont l-Artikoli 35 u 29(5) ta' dak ir-Regolament u, fis-snin applikabbli, ir-rapporti relatati skont l-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 32 jenħtieġ li jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin bħar-riżultati ta' dik il-valutazzjoni. F'każ li l-progress kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament ma jkunx biżżejjed jew f'każ li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza jew biex inaqqsu l-vulnerabbiltà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiegħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima.

(19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni objettiva soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrapportaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC kif ukoll data ta' osservazzjoni tad-dinja kif ipprovduta mill-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja Copernicus. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq trajettorja lineari indikattiva li torbot il-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u l-2040, meta jiġu adottati, mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni u sservi bħala għodda indikattiva biex jiġi stmat u evalwat il-progress kollettiv lejn il-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni. It-trajettorja lineari indikattiva ma tippreġudika ebda deċiżjoni biex tiġi ddeterminata mira klimatika tal-Unjoni għall-2040. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/852 [ir-Regolament dwar it-Tassonomija]²², meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha.

(20) Minħabba li ċ-ċittadini u l-komunitajiet għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan, fosthom billi tniedi Patt Klimatiku Ewropew.

²² Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (21) Sabiex jiġu pprovduti prevedibbiltà u fiduċja għall-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, biex jiġi żgurat tnaqqis gradwali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra maż-żmien u t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irreversibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi mira klimatika intermedja tal-Unjoni għall-2040, jekk ikun xieraq, sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-ewwel rendikont globali mwettaq skont il-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kummissjoni tista' tagħmel proposti għar-reviżjoni tal-mira intermedja [...], filwaqt li tqis is-sejbiet tal-valutazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 5 u 6 kif ukoll l-eżiti tar-rendikont globali u tal-iżviluppi internazzjonali, inkluż fuq l-iskedi ta' żmien komuni għall-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali.
- (22) Jenħtieġ li l-istrumenti tal-Unjoni marbutin mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jkunu koerenti bejniethom biex il-Kummissjoni tkompli żżomm mal-prinċipji dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Jenħtieġ li s-sistema użata biex jitkejjel il-progress li jkun qed isir biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika, kif ukoll biex titkejjel il-konsistenza tal-miżuri li jkunu ttieħdu ma' dak l-oġettiv, tissejjes fuq il-qafas ta' governanza stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1999 u tkun konsistenti miegħu b'kont meħud tal-ħames dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija. B'mod partikulari, jenħtieġ li s-sistema ta' rappurtar regolari u t-tqegħid tal-valutazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'sekwenza abbażi tar-rappurtar ikunu allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex l-Istati Membri jibagħtu l-informazzjoni u jipprovdu r-rapporti. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1999 jiġi emendat biex l-oġettiv tan-newtralità klimatika jiddaħħal fid-dispożizzjonijiet rilevanti.
- (23) Min-natura tagħha, l-isfida tat-tibdil fil-klima hija waħda transkonfinali u hemm bżonn ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu u jiġu ssupplimentati b'mod effettiv il-politiki nazzjonali. Minħabba li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba d-daqs u l-effetti tagħhom, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-oġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas biex jitnaqqsu bil-mod il-mod u b'mod irriversibbli l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra minn fonti u jitjieb l-assorbiment permezz ta' bjar [...] fl-Unjoni.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika sal-2050 fl-Unjoni sabiex tinkiseb il-mira fit-tul dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim. Jistabbilixxi wkoll mira vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku nett tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2030.

Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet antropoġeniċi minn fonti tal-gassijiet serra mniżżlin fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 u għall-assorbiment tagħhom permezz ta' bjar [...].

Artikolu 2

Objettiv tan-newtralità klimatika

1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni sa mhux iktar tard mill-2050, hekk li l-emissjonijiet netti għandhom ikunu tnaqqsu għal żero sa dik id-data.
2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu l-importanza tal-fatt li jippromwovu kemm il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati Membri kif ukoll il-kosteffettività fil-kisba ta' dan l-objettiv [...].
3. [...]
4. [...]

Artikolu 3

Miri intermedji dwar il-klima

1. Biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-mira klimatika vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 għandha tkun tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni biex tippermetti l-kisba tal-mira stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u tikkunsidra li tiegħu l-miżuri meħtieġa, inkluż l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi, f'konformità mat-Trattati.

Fil-qafas ta' dan ir-rieżami u dawk futuri, il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari d-disponibbiltà skont id-dritt tal-Unjoni ta' strumenti u inċentivi adegwati għall-mobilizzazzjoni tal-investimenti meħtieġa, u tipproponi miżuri kif meħtieġ.

- 2a. Bil-għan li jintlaħaq l-objettiv ta' newtralità klimatika kif stipulat fl-Artikolu 2(1), għandha tiġi stabbilita mira tal-Unjoni kollha għall-klima għall-2040. Għal dan il-għan, mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-ewwel bilanċ globali kif imsemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta, kif xieraq, biex temenda dan ir-Regolament biex jinkludi l-mira tal-Unjoni dwar il-klima għall-2040, filwaqt li tqis is-sejbiet tal-valutazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 5 u 6 u l-eżiti tar-rendikont globali.

3. Meta tiġi proposta l-mira tal-Unjoni dwar il-klima għall-2040 skont il-paragrafu 2a, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra dan li ġej:
- (a) il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika;
 - (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni;
 - (c) l-aqwa teknoloġija disponibbli;
 - (d) l-effiċjenza fl-enerġija, l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista;
 - (e) il-ġustizzja u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u ġo fihom;
 - (f) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien;
 - (g) il-ħtieġijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-investment;
 - (h) il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta;
 - (i) l-iżviluppi u l-isforzi li jkunu saru fil-livell internazzjonali biex jinkisbu l-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jinkiseb l-oġettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;
 - (j) l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar reċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC.
5. Fi żmien sitt xhur wara t-tieni rendikont globali, il-Kummissjoni tista' tipproponi li tirrevedi l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040 skont l-Artikolu 9a ta' dan ir-Regolament [...].
6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom jinżammu taħt reviżjoni fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali u l-isforzi mwettqa biex jinkisbu l-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż fir-rigward tal-eżiti tad-diskussjonijiet internazzjonali dwar skedi ta' żmien komuni għal kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali.

Artikolu 4

Adattament għat-tibdil fil-klima

1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw progress kontinwu fit-tiġib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi.
 - 1a. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-politiki dwar l-adattament fl-Unjoni u fl-Istati Membri jkunu jappoġġaw lil xulxin reċiprokament, jipprovdur kobenefiċċji għall-politiki settorjali, u jaħdmu għal integrazzjoni aħjar tal-adattament għat-tibdil fil-klima fl-oqsma kollha tal-politika.
2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplementaw strateġiji u pjanijiet [...], ibbażati fuq xenarji ta' referenza sodi dwar il-klima u l-vulnerabbiltà u fuq valutazzjonijiet tal-progress li jkun sar.

Artikolu 5

Valutazzjoni tal-progress li tkun għamlet l-Unjoni u tal-miżuri li din tkun ħadet

1. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ħames snin wara dik id-data, flimkien mal-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin:
 - (a) il-progress kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamli biex jilhqqu l-oġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) [...];
 - (b) il-progress kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamli b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

2. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ħames snin wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-affarijiet li ġejjin:
 - (a) il-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1)[...];
 - (b) kemm il-miżuri tal-Unjoni jkunu konsistenti li jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4.
3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) jew li dawn ma jkunux konsistenti mal-iżgurar ta' progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika jew b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed, hija għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati [...].
4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-abbozzi ta' kull miżura jew proposta leġislattiva fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1)[...] qabel ma dawn jiġu adottati, u għandha tinkludi din l-analiżi f'kull valutazzjoni tal-impatt li tkun takkumpanja lil dawn il-miżuri jew lil dawn il-proposti, u tippubblika r-risultati ta' dik il-valutazzjoni meta dawn jiġu adottati. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll jekk dak l-abbozz ta' miżura jew il-proposta leġislattiva humiex konsistenti mal-iżgurar ta' progress fl-adattament kif imsemmi fl-Artikolu 4.

Artikolu 6

Valutazzjoni tal-miżuri nazzjonali

1. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull ħames snin wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin:
 - (a) il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali identifikati abbażi tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima jew tar-rapporti biennali ta' progress li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) [...] skont ir-rilevanza tagħhom biex jintlaħaq dak l-objettiv;

- (b) il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali rilevanti mal-iżgurar ta' progress fl-adattament kif imsemmi fl-Artikolu 4, filwaqt li jitqiesu l-istrateġiji nazzjonali ta' adattament imsemmija fl-Artikolu 4(2).

Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti ma' dak l-objettiv [...], jew li dawn ma jkunux konsistenti li jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tippubblika t-tali rakkomandazzjonijiet.
3. Meta tinħareġ rakkomandazzjoni skont il-paragrafu 2, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:
- (a) l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà mal-Istati Membri l-oħrajn u bejn l-Istati Membri u l-Unjoni;
- (b) fl-ewwel rapport ta' progress li huwa jibgħat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 fis-sena ta' wara dik li matulha tkun inħarġitlu r-rakkomandazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeskrivi kif ikun qies kif xieraq ir-rakkomandazzjoni. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li ma jiħux azzjoni dwar ir-rakkomandazzjoni jew dwar parti sostanzjali minnha, huwa għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu għal dan lill-Kummissjoni;
- (c) ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu jikkomplementaw l-aħħar rakkomandazzjonijiet li jkunu nħarġu għal dak il-pajjiż speċifiku fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Dispożizzjonijiet komuni dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- 2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-ewwel u t-tieni valutazzjoni tagħha msemmija fl-Artikoli 5 u 6 fuq trajettorja indikattiva u lineari li tistabbilixxi l-perkors għat-tnaqqis tal-emissjonijiet netti fil-livell tal-Unjoni li jorbot il-mira tal-Unjoni għall-klima għall-2030 kif imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-mira tal-Unjoni għall-klima għall-2040, meta tiġi adottata, u l-oġettiv tan-newtralità klimatika kif stabbilit fl-Artikolu 2(1).
- 1. Il-Kummissjoni għandha tibbaża kwalunkwe valutazzjoni wara dan fuq perkors indikattiv u lineari li jorbot il-mira tal-Unjoni dwar il-klima għall-2040, meta adottata, u l-oġettiv tan-newtralità klimatika kif stabbilit fl-Artikolu 2(1).
1. Minbarra l-miżuri nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 6(1)(a), il-Kummissjoni għandha ssejjes il-valutazzjoni tagħha msemmija fl-Artikoli 5 u 6 tal-inqas fuq l-affarijiet li ġejjin:
- (a) l-informazzjoni li tintbagħat u li jsiru rapporti dwarha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999;
 - (b) rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni;
 - (c) statistika u data Ewropej, fosthom dawk mill-programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja Copernicus u data dwar telf rappurtat u proġettat minn impatti klimatiċi negattivi, fejn dawn ikunu disponibbli; u
 - (d) l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC, tal-IPBES u organizzazzjonijiet [...] internazzjonali oħrajn; u
 - (e) kull informazzjoni supplimentari dwar l-investment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, fosthom l-investment li jkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/852 [ir-Regolament dwar it-Tassonomija], meta dan ikun disponibbli.

2. L-EEA għandha tgħin lill-Kummissjoni tħejji l-valutazzjoni msemmija fl-Artikoli 5 u 6, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha.

Artikolu 8

Parteċipazzjoni tal-pubbliku

Il-Kummissjoni għandha tikkollabora mas-setturi kollha tas-soċjetà biex tippermettilhom jieħdu azzjoni favur tranżizzjoni ġusta u soċjalment ekwa għal soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita proċess inklużiv u aċċessibbli fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali, mal-komunità kummerċjali, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa Prattiki u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Artikolu 9

[...] (*Artikolu mħassar*)

Artikolu 9a

Rieżami

Fi żmien sitt xhur wara kull rendikont globali skont il-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien mal-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 5 u 6, dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat progress lejn il-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika kif imsemmi fl-Artikolu 2(1) u li tiġi żgurata konsistenza mal-progress fl-adattament kif imsemmi fl-Artikolu 4. Il-Kummissjoni tista' tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda dan ir-Regolament fejn xieraq.

Artikolu 10

Emendi tar-Regolament (UE) 2018/1999

Ir-Regolament (UE) 2018/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1(1)(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfasslin biex jintlaħqu l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [il-Liġi dwar il-Klima], l-objettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, mill-2021 sal-2030, b'mod partikulari l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030;"

(2) l-Artikolu 2(7) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(7) "projezzjonijiet" tfisser il-previżjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbimenti mill-bjar jew tal-iżviluppi tas-sistema tal-enerġija, li jinkludu tal-inqas l-istimi kwantitattivi għal sekwenza ta' sitt snin futuri li jintemmu b'0 jew b'5 immedjatament wara s-sena tar-rappurtar;

(3) l-Artikolu 3(2)(f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, inkluż il-konsistenza tagħhom mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [il-Liġi dwar il-Klima], mal-objettivi tat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont il-Ftehim ta' Pariġi u mal-istrategġi fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15;"

(4) fl-Artikolu 8(2) jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) il-mod kif il-politiki u l-miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri ppjanati jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [il-Liġi dwar il-Klima].";

(5) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 11

Djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija

Kull Stat Membru għandu jstabbilixxi djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija skont ir-regoli nazzjonali, fejn l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, l-investituri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jiddiskutu l-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [il-Liġi dwar il-Klima] u x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar l-enerġija u l-klima, inkluż fuq perijodu ta' żmien fit-tul, u jirrevedu l-progress li jkun sar, sakemm ma jkollux diġà struttura li sservi l-istess skop. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dan id-djalogu.";

(6) l-Artikolu 15(3)(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tishiĥ fit-tul tal-assorbimenti mill-bjar fis-setturi kollha skont l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [il-Liġi dwar il-Klima], fil-kuntest tat-tnaqqis u t-titjib meħtieġ tal-assorbiment minn bjar skont il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni b'mod kosteffettiv u biex jissaħħu l-assorbimenti minn bjar sabiex jinkisbu l-miri tat-temperatura fil-Ftehim ta' Pariġi sabiex jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u tal-assorbimenti mill-bjar ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni [...] u, kif xieraq, l-emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem;"

(7) il-Parti 1 tal-Anness I hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 3.1.1. (i) tat-Taqsima A huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) Politiki u miżuri għall-kisba tal-mira stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2018/842 kif jissewma fil-punt 2.1.1 u politiki u miżuri għall-konformità mar-Regolament (UE) 2018/841, li jkopru s-setturi kollha ewlenin tal-emissjonijiet u s-setturi li jtejbju l-assorbimenti, bi prospettu għall-oġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [il-Liġi dwar il-Klima]";

(b) fit-Taqsima B jiżdied il-punt 5.5. li ġej:

"5.5. Il-kontribuzzjoni tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [il-Liġi dwar il-Klima]";

(7a) L-Artikolu 45 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien sitt xhur dwar kull rendikont globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament, il-kontribut tiegħu għall-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, il-kontribut tiegħu għall-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, il-progress lejn il-kisba tal-miri dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 u l-oġjettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament .../... [il-Liġi dwar il-Klima], l-oġjettivi addizzjonali tal-Unjoni tal-Enerġija u l-konformità tad-dispożizzjonijiet dwar l-ippjanar, ir-rappurtar u l-monitoraġġ stabbiliti f'dan ir-Regolament ma' liġijiet jew ma' deċiżjonijiet oħra tal-Unjoni marbutin mal-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rapporti tal-Kummissjoni jistgħu jkunu akkumpanjati minn proposti leġiżlattivi meta jkun xieraq.

(8) il-punt (c)(viii) tal-Anness VI huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(viii) valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-politika jew tal-miżura biex jintlaħaq l-oġjettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... ["il-Liġi dwar il-Klima"] u biex tinkiseb l-istrateġija fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15;"

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President
